KONKLUŻJONIJIET TAL-AVUKAT ĠENERALI
SZPUNAR
ippreżentati fid-9 ta’ Marzu 2023[1]

**Kawża C-680/21**

**UL,**
**SA Royal Antwerp Football Club**
**vs**
**Union royale belge des sociétés de football association ASBL,**
**parti intervenjenti:**
**Union des associations européennes de football (UEFA)**

(talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mit-Tribunal de première instance francophone de Bruxelles (il-Qorti tal-Ewwel Istanza ta’ Brussell bil-lingwa Franċiża, il-Belġju))

“Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Artikolu 45 TFUE – Moviment liberu tal-ħaddiema – Artikolu 165 TFUE – Sport – Regolamenti tal-UEFA u l-federazzjonijiet nazzjonali tal-futbol assoċjati – Plejers imrawma lokalment”

## I. Introduzzjoni

1. It-talba għal deċiżjoni preliminari ineżami, li tirrigwarda l-interpretazzjoni tal-Artikoli 45 u 101 TFUE, tressqet fil-kuntest ta’ proċeduri bejn, minn naħa, UL, plejer tal-futbol, u Royal Antwerp Football Club (iktar ’il quddiem “Royal Antwerp”) u, min-naħa l-oħra, l-Union royale belge des sociétés de football association ASBL (l-Assoċjazzjoni Rjali Belġjana tal-Futbol; iktar ’il quddiem l-“URBSFA”) u l-Union des associations européennes de football (l-Unjoni tal-Assoċjazzjonijiet Ewropej tal-Futbol; iktar ’il quddiem l-“UEFA”) għall-annullament ta’ deċiżjoni ta’ arbitraġġ li ċaħdet rikors għal annullament u għal kumpens ippreżentat minn UL u Royal Antwerp kontra ġabra ta’ regoli adottati mill-URBSFA, mill-UEFA u mill-assoċjazzjonijiet nazzjonali tal-futbol l-oħra li huma membri ta’ din tal-aħħar.

2. Konformement mat-talba tal-Qorti tal-Ġustizzja, dawn il-konklużjonijiet huma limitati għall-aspett tal-kawża li jirrigwarda l-moviment liberu tal-ħaddiema, taħt l-Artikolu 45 TFUE. Ir-regoli inkwistjoni jikkonċernaw dawk li huma magħrufa bħala “plejers imrawma lokalment” (iktar ’il quddiem “PIL”), jiġifieri plejers imħarrġa minn klabb jew fl-assoċjazzjoni nazzjonali tal-futbol li minnha jagħmel parti dan il-klabb. Essenzjalment, il-kwistjoni hija jekk l-inklużjoni mandatorja ta’ numru partikolari ta’ PIL fuq lista rilevanti tikkostitwixxix restrizzjoni mhux iġġustifikata għall-moviment liberu tal-ħaddiema skont l-Artikolu 45 TFUE.

[1] Lingwa oriġinali: l-Ingliż.

3. F'dawn il-konklużjonijiet, ser insostni li d-dispożizzjonijiet ikkontestati huma preklużi (biss) mill-Artikolu 45 TFUE sa fejn dawn japplikaw għal plejers li ma joriġinawx mill-klabb speċifiku inkwistjoni. Ħadd ma jixtieq futbol li ma jagħtix gost [2] – li hija raġuni għalfejn ċerti restrizzjonijiet għal din id-dispożizzjoni fundamentali jistgħu, fil-fehma tiegħi, jiġu aċċettati.

## II. Il-fatti, il-proċedura u d-domandi preliminari

### A. Il-partijiet fit-tilwima

4. UL huwa plejer tal-futbol, imwieled fl-1986, li għandu n-nazzjonalità ta' pajjiż terz kif ukoll dik Belġjana. Huwa ilu attiv b'mod professjonali fil-Belġju għal diversi snin. Huwa lagħab għal Royal Antwerp, klabb tal-futbol professjonali bbażat fil-Belġju, għal diversi snin u issa qiegħed jilgħab għal klabb ieħor tal-futbol professjonali fil-Belġju.

5. L-UEFA hija assoċjazzjoni rregolata mid-dritt Svizzeru li hija bbażata f'Nyon (l-Isvizzera). Hija ġiet stabbilita fl-1954 bl-għan, *inter alia*, li tittratta l-kwistjonijiet kollha dwar il-futbol, li twettaq superviżjoni u kontroll tal-iżvilupp tal-futbol taħt kull forma tiegħu kif ukoll li tipprepara u torganizza kompetizzjonijiet u tornej internazzjonali tal-futbol fuq livell Ewropew. Is-sħubija tagħha tikkonsisti minn 55 assoċjazzjoni nazzjonali tal-futbol, fosthom klabbs tal-futbol professjonali. L-organu suprem tagħha huwa l-Kungress, li jiġbor fi ħdanu l-membri kollha tagħha. L-organu eżekuttiv tagħha huwa l-Kumitat Eżekuttiv, li l-membri tiegħu jiġu eletti mill-Kungress, mill-Kampjonati Ewropej (EL), li min-naħa tagħha hija assoċjazzjoni bbażata fl-Isvizzera li tirrappreżenta 37 kampjonat nazzjonali minn 30 Stat differenti, u mill-Association européenne des clubs (l-Assoċjazzjoni Ewropea tal-Klabbs (ECA)), li hija korp li jirrappreżenta lill-klabbs tal-futbol.

6. L-URBSFA hija assoċjazzjoni mingħajr skop ta' lukru taħt id-dritt Belġjan li hija rrikonoxxuta mill-Fédération Internationale de football association (il-Federazzjoni Internazzjonali tal-Futbol ta' Assoċjazzjoni (FIFA)), mill-UEFA, li hija membru tagħha, u mill-Comité Olympique et Interfédéral Belge (il-Kumitat Olimpiku u Interfederali Belġjan (COIB)). L-għan tagħha huwa li tiżgura l-organizzazzjoni sportiva u amministrattiva tal-futbol professjonali u tad-dilettanti fil-Belġju kif ukoll il-promozzjoni tiegħu.

### B. Id-dispożizzjonijiet ikkontestati

#### *1. UEFA*

7. Fit-2 ta' Frar 2005, il-Kumitat Eżekuttiv tal-UEFA adotta regoli li jimponu fuq il-klabbs tal-futbol professjonali li jipparteċipaw fil-kompetizzjonijiet ta' bejn il-klabbs tal-UEFA sabiex idaħħlu numru massimu ta' 25 plejer fil-lista ta' limitu tad-daqs tal-iskwadra, li min-naħa tagħhom iridu jinkludu numru minimu ta' PIL. Dawn il-plejers huma ddefiniti mill-UEFA bħala plejers li, indipendentement min-nazzjonalità tagħhom, ikunu ġew imħarrġa mill-klabb tagħhom jew minn klabb ieħor tal-istess assoċjazzjoni nazzjonali għal mill-inqas tliet snin bejn l-etajiet ta' 15 u 21 sena. Fil-21 ta' April 2005, ir-regola dwar il-PIL ġiet approvata mit-52 assoċjazzjoni

[2] Anki jekk l-*appassjonati* sal-mewt bħal Nick Hornby fir-rumanz tiegħu tal-1992 Fever Pitch jistgħu jsostnu li "li tgerger kontra futbol li ma jagħtix gost huwa xi ftit bħal li tgerger kontra t-tmiem tad-dwejjaq tar-Re Lear: b'xi mod tkun inqast milli tifhem" [traduzzjoni libera], ara l-edizzjoni ta' Pengiun Books, 2000, p. 127.

membru tal-UEFA, inkluża l-URBSFA, fil-Kungress ta' Tallinn. Mill-istaġun 2008/2009, ir-regolament tal-UEFA impona fuq il-klabbs irreġistrati għal waħda mill-kompetizzjonijiet tagħha biex jinkludu minimu ta' 8 plejers imrawma lokalment f'lista tal-iskwadra ta' massimu ta' 25 plejer. Minn dawn it-tmien plejers, mill-inqas erba' plejers kellhom jiġu mħarrġa mill-klabb inkwistjoni.

## *2. URBSFA*

8. Ir-regoli rilevanti tar-Regolamenti Federali tal-URBSFA jipprevedu li l-klabbs tal-futbol li jipparteċipaw fid-diviżjonijiet tal-futbol professjonali 1A u 1B għandhom jippreżentaw *listi* li jinkludu lista tal-iskwadra ta' massimu ta' 25 plejer, li għandhom jinkludu mill-inqas 8 mħarrġa minn klabbs Belġjani (jiġifieri plejers li kienu affiljati ma' klabb Belġjan għal mill-inqas tliet staġuni sħaħ qabel ma jagħlqu 23 sena). Barra minn hekk, mill-inqas tlieta minn dawn it-tmien plejers għandhom ikunu affiljati ma' klabb Belġjan għal mill-inqas tliet staġuni qabel ma jagħlqu 21 sena[3].

9. Ulterjorment, fir-rigward tal-*listi tal-plejers tal-logħba*, il-klabbs għandhom jużaw il-plejers li jidhru fil-listi msemmija iktar 'il fuq u għandhom jinkludu mill-inqas sitt plejers li kienu affiljati għal mill-inqas tliet staġuni sħaħ qabel ma jagħlqu 23 sena, tnejn minnhom qabel ma jagħlqu 21 sena[4].

10. Fiż-żewġ każijiet, jekk il-limiti minimi ma jintlaħqux, dawn il-plejers ma jistgħux jiġu ssostitwiti bi plejers li ma jissodisfawx il-kundizzjonijiet meħtieġa.

## C. Il-kawża prinċipali

11. Fit-13 ta' Frar 2020, UL adixxa lill-Cour belge d'arbitrage pour le sport (il-Qorti Belġjana ta' Arbitraġġ għall-Isport, il-Belġju) b'rikors intiż, *inter alia*, għal dikjarazzjoni li r-regoli tal-PIL stabbiliti mill-UEFA u mill-URBSFA kienu illegali minħabba li kisru l-Artikolu 45 TFUE[5] u għal kumpens relatat mad-dannu kkawżat lil UL. Sussegwentement, Royal Antwerp intervjeniet volontarjament fil-proċedura fejn talbet ukoll il-kumpens għad-dannu kkawżat minn dawn ir-regoli. L-UEFA ma kinitx parti fil-proċedura ta' arbitraġġ.

12. Permezz ta' deċiżjoni ta' arbitraġġ mogħtija fl-10 ta' Lulju 2020, il-Qorti Belġjana ta' Arbitraġġ għall-Isport iddeċidiet li dawn it-talbiet kienu inammissibbli sa fejn dawn kienu jirrigwardaw ir-regoli dwar PIL stabbiliti mill-UEFA u ammissibbli iżda infondati sa fejn dawn kienu jirrigwardaw dawk stabbiliti mill-URBSFA.

13. Fir-rigward tar-regoli stabbiliti mill-URBSFA, il-Qorti Belġjana ta' Arbitraġġ għall-Isport qieset, essenzjalment, li dawn ma kinux jippreġudikaw il-moviment liberu tal-ħaddiema żgurat mill-Artikolu 45 TFUE minħabba li kienu applikabbli mingħajr distinzjoni, li ma kienu jwasslu għal ebda diskriminazzjoni bbażata fuq in-nazzjonalità u li, fi kwalunkwe każ, kienu ġġustifikati minn għanijiet leġittimi u ma kinux sproporzjonati fir-rigward tagħhom[6].

[3] Dan jirriżulta minn qari flimkien tal-Artikoli P335.11 u P1422 l-antiki u l-Artikoli B4.112 u B6.109 attwali tar-Regolament Federali tal-URBSFA.

[4] Dan jirriżulta mill-Artikolu P1422 l-antik u mill-Artikolu B6.109 attwali tar-Regolament Federali tal-URBSFA.

[5] U l-Artikolu 101 TFUE.

[6] Barra minn hekk, il-Qorti Belġjana ta' Arbitraġġ għall-Isport sabet li ma kienx hemm ksur tal-Artikolu 101 TFUE.

14. Konsegwentement, il-Qorti Belġjana ta’ Arbitraġġ għall-Isport ċaħdet it-talbiet għal kumpens ta’ UL u ta’ Royal Antwerp.

15. Fl-1 ta’ Settembru 2020, UL u Royal Antwerp adixxew lit-Tribunal de première instance francophone de Bruxelles (il-Qorti tal-Ewwel Istanza ta’ Brussell bil-lingwa Franċiża, il-Belġju) b’rikors għall-annullament tad-deċiżjoni ta’ arbitraġġ minħabba li kienet tmur kontra l-ordni pubbliku, konformement mal-Artikolu 1717 tal-Kodiċi Ġudizzjarju Belġjan.

16. Insostenn tal-pretensjonijiet tagħhom, huma jsostnu, essenzjalment, li r-regoli tal-UEFA u tal-URBSFA dwar il-PIL jiksru l-moviment liberu tal-ħaddiema taħt l-Artikolu 45 TFUE peress li dawn ir-regoli jillimitaw kemm il-possibbiltà għal klabb tal-futbol professjonali bħal Royal Antwerp li jirrekluta plejers li ma jissodisfawx ir-rekwiżit ta’ għeruq lokali jew nazzjonali stabbiliti minnhom, u li jużahom f’logħba, kif ukoll il-possibbiltà għal plejer bħal UL li jiġi rreklutat u li jintuża f’logħba minn klabb li fir-rigward tiegħu ma jistax jistrieħ fuq tali għeruq.

17. Fid-9 ta’ Novembru 2021, l-UEFA ppreżentat rikors għal intervent volontarju fil-proċedura, li ġie ddikjarat ammissibbli permezz ta’ sentenza mogħtija fis-26 ta’ Novembru 2021.

18. Fit-talba tagħha għal deċiżjoni preliminari, il-qorti tar-rinviju tinnota, fl-ewwel lok, li d-deċiżjoni ta’ arbitraġġ li ntalbet tannulla kienet ibbażata (i) fuq l-inammissibbiltà parzjali tat-talbiet ta’ UL u ta’ Royal Antwerp u fuq iċ-ċaħda tal-kumplament ta’ dawn it-talbiet bħala infondati u (ii) fuq l-interpretazzjoni u l-applikazzjoni ta’ żewġ dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni Ewropea, jiġifieri l-Artikoli 45 u 101 TFUE, li l-possibbiltà ta’ nuqqas ta’ osservanza tagħhom tista’, jekk ikun il-każ, tikkostitwixxi ksur tal-ordni pubbliku fis-sens tal-Artikolu 1717 tal-Kodiċi Ġudizzjarju Belġjan, fid-dawl tan-natura tagħhom u tal-ġurisprudenza rilevanti tal-Qorti tal-Ġustizzja.

19. Fit-tieni lok, il-qorti tar-rinviju tqis li, sabiex tkun tista’ tagħti sentenza, huwa neċessarju li tikseb kjarifika mill-Qorti tal-Ġustizzja dwar l-interpretazzjoni tal-Artikoli 45 u 101 TFUE. Din il-qorti tistaqsi dwar l-effett restrittiv ta’ dawn ir-regoli fuq il-moviment liberu tal-ħaddiema u fuq il-kompetizzjoni, u jekk dawn humiex iġġustifikati, adegwati, neċessarji u proporzjonati mal-għanijiet imfittxija minnhom. F’dan il-kuntest, l-imsemmija qorti tirreferi, *inter alia*, għal stqarrija għall-istampa ppubblikata mill-Kummissjoni Ewropea u għal studju mwettaq f’isem din l-istituzzjoni, li minnu jirriżulta (i) li dawn ir-regoli għandhom jew jista’ jkollhom effetti restrittivi fuq il-moviment liberu tal-ħaddiema u (ii) li l-kwistjoni dwar jekk dawn l-effetti humiex proporzjonati mal-benefiċċji limitati ħafna li jirriżultaw minnhom, fid-dawl tal-miżuri alternattivi inqas restrittivi li jidhru possibbli, hija s-suġġett ta’ eżami fid-dettall, b’mod partikolari fil-qafas ta’ proċeduri ta’ ksur imressqa minn din l-istituzzjoni[7].

[7] Barra minn hekk, il-qorti tar-rinviju tirrifletti jekk ir-regoli dwar il-PIL jistgħux jitqiesu li jikkostitwixxu ftehim bejn impriżi, deċiżjoni minn assoċjazzjoni ta’ impriżi jew prattika miftiehma skont it-tifsira tal-Artikolu 101(1) TFUE.

## D. Fuq id-domandi preliminari

20. Huwa f'dan il-kuntest li, permezz ta' digriet tal-15 ta' Ottubru 2021, li wasal fil-Qorti tal-Ġustizzja fil-11 ta' Novembru 2021, it-Tribunal de première instance francophone de Bruxelles (il-Qorti tal-Ewwel Istanza ta' Brussell bil-lingwa Franċiża) għamel id-domandi preliminari li ġejjin lill-Qorti tal-Ġustizzja:

"(1) L-Artikolu 101 TFUE għandu jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi l-pjan dwar il-plejers imrawma lokalment adottat fit-2 ta' Frar 2005 mill-Kumitat Eżekuttiv tal-UEFA, approvat mit-52 assoċjazzjoni membru tal-UEFA fil-Kungress ta' Tallinn fil-21 ta' April 2005 u implimentat permezz ta' regolamenti adottati kemm mill-UEFA kif ukoll mill-federazzjonijiet membri tagħha?

(2) L-Artikoli 45 u 101 TFUE għandhom jiġu interpretati fis-sens li jipprekludu l-applikazzjoni ta' regoli dwar l-inklużjoni fil-manifest [skeda] tal-logħba u l-użu fil-logħba ta' plejers imrawma lokalment, ifformalizzati mill-Artikoli P335.11 u P.1422 tar-Regolament Federali tal-URBSFA u riprodotti fl-Artikoli B4.1[12] tat-Titolu 4 u B6.109 tat-Titolu 6 tar-regolament il-ġdid tal-URBSFA?"

21. Ġew sottomessi osservazzjonijiet bil-miktub minn UL, Royal Antwerp, l-URBSFA, l-UEFA, il-Gvern Belġjan, Grieg, Pollakk, Portugiż, Rumen u Svediż kif ukoll mill-Kummissjoni. UL, Royal Antwerp, l-URBSFA, l-UEFA, il-Gvern Pollakk, Rumen u Svediż kif ukoll il-Kummissjoni pparteċipaw fis-seduta, li nżammet fil-15 ta' Novembru 2022.

## III. Evalwazzjoni

22. Il-qorti tar-rinviju tistaqsi dwar il-kompatibbiltà, mad-dritt tal-Unjoni, tar-regoli dwar il-PIL tal-UEFA (l-ewwel domanda) u tal-URBSFA (it-tieni domanda). B'mod kurjuż, b'kuntrast mat-tieni domanda, l-ewwel domanda ma tagħmilx riferiment għall-Artikolu 45 TFUE.

23. Huma dawn il-konklużjonijiet li għandhom jeżaminaw jekk l-Artikolu 45 TFUE għandux jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi l-applikazzjoni ta' regoli bħal dawk li jinsabu fir-regolament URBSFA inkwistjoni, dwar l-inklużjoni fil-lista tal-plejers tal-logħba u l-użu f'logħba ta' plejers imrawma lokalment. Peress li l-imsemmi regolament URBSFA huwa bbażat fil-parti l-kbira tiegħu fuq ir-regoli tal-UEFA, ser neżamina wkoll dawn tal-aħħar f'dawn il-konklużjonijiet.

24. Permezz tad-domandi tagħha, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, jekk l-Artikolu 45 TFUE għandux jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi l-applikazzjoni tar-regoli dwar PIL, kif adottati mill-UEFA u mill-URBSFA.

## A. Ammissibbiltà

25. L-URBSFA ssostni li ż-żewġ domandi preliminari għandhom jiġu ddikjarati inammissibbli minħabba li ma huma ta' ebda interess għar-rikorrenti fil-kawża prinċipali u huma ta' natura ipotetika. Barra minn hekk, hija ssostni li t-tilwima fil-kawża prinċipali għandha dimensjoni purament domestika fid-dawl tan-nazzjonalità ta' UL, tal-post ta' stabbiliment ta' Royal Antwerp u tal-kamp ta' applikazzjoni territorjali tar-regoli inkwistjoni, peress li l-qorti tar-rinviju hija mitluba biss tagħti deċiżjoni *inter partes*.

26. L-UEFA tqis li d-domandi preliminari għandhom jiġu ddikjarati inammissibbli minħabba li l-qorti tar-rinviju ma esponietx b'mod iddettaljat biżżejjed il-kuntest fattwali u ġuridiku li fih hija għamlithom, b'mod partikolari l-identità tad-diversi assoċjazzjonijiet nazzjonali tal-futbol li introduċew regoli dwar il-PIL u l-kontenut attwali ta' dawn ir-regoli differenti. Barra minn hekk, din il-qorti ma stabbilixxietx li t-tilwima fil-kawża prinċipali hija ta' natura transnazzjonali. Ulterjorment, peress li d-deċiżjoni tar-rinviju ġiet adottata qabel ma nstemgħet il-UEFA, il-preżentazzjoni insuffiċjentement preċiża u ddettaljata tal-kuntest fattwali u ġuridiku tal-kawża kienet ipprekludiet lill-UEFA milli tinvoka d-drittijiet tagħha.

27. Bl-istess mod, il-Gvern Rumen u l-Kummissjoni jaqblu mal-URBSFA u l-UEFA li l-kwistjoni dwar l-interpretazzjoni tal-Artikolu 45 TFUE kienet tqajmet fl-assenza ta' kull element barrani, fis-sens ta' estern, fil-kawża prinċipali, iżda wkoll ta' kull indikazzjoni tal-qorti tar-rinviju li din l-interpretazzjoni tissodisfa bżonn inerenti għas-soluzzjoni ta' din il-proċedura minkejja n-natura purament domestika tal-kawża.

28. Filwaqt li nifhem it-tħassib deskritt fil-punti preċedenti[8], inqis li d-domandi fil-kawża inkwistjoni huma ammissibbli.

29. Il-punt tat-tluq sabiex tiġi evalwata eċċezzjoni ta' inammissibbiltà ta' kawża minħabba allegata sitwazzjoni purament domestika huwa s-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja f'Ullens de Schooten[9], fejn hija ġabret fil-qosor u kkwalifikat b'mod ċar l-erba' sitwazzjonijiet li fihom kawżi li joriġinaw minn sitwazzjonijiet purament interni jkunu madankollu ammissibbli għall-għoti ta' deċiżjoni preliminari. Waħda minn dawn is-sitwazzjonijiet hija dik fejn ma setax jiġi eskluż li ċittadini stabbiliti fi Stati Membri oħrajn kienu jew setgħu jkunu interessati li jagħmlu użu mil-libertà inkwistjoni biex jeżerċitaw attivitajiet fit-territorju tal-Istat Membru li jkun ippromulga l-leġiżlazzjoni nazzjonali inkwistjoni u, konsegwentement, li din il-leġiżlazzjoni, applikabbli mingħajr distinzjoni għaċ-ċittadini ta' dak l-Istat Membru u għaċ-ċittadini ta' Stati Membri oħra tkun tista' tipproduċi effetti li ma jkunux limitati għal dak l-Istat Membru[10]. F'dan ir-rigward, ma jistax jiġi eskluż li l-plejers tal-futbol stabbiliti fi Stati Membri oħra jiġu dissważi mid-dispożizzjonijiet inkwistjoni milli jkollhom aċċess għas-suq Belġjan.

30. Barra minn hekk, għandu jitfakkar li, *in casu*, il-ġurisdizzjoni tal-qorti tar-rinviju hija limitata għad-determinazzjoni ta' jekk l-ordni pubbliku nkisirx permezz tad-deċiżjoni ta' arbitraġġ. Bħala regola, fl-evalwazzjoni tagħha, il-qorti tar-rinviju għandha tmur lil hinn mill-fatti speċifiċi ta' din il-kawża peress li kunsiderazzjonijiet ta' ordni pubbliku jmorru neċessarjament lil hinn minn każijiet individwali.

31. Ulterjorment, għandu jiġi osservat li s-suġġett ta' din il-kawża fuq livell nazzjonali ma huwiex tilwima bejn UL u Royal Antwerp, iżda d-dispożizzjonijiet ikkontestati tal-UEFA u tal-URBSFA. Ir-rikors għall-annullament ta' deċiżjoni ta' arbitraġġ, pendenti quddiem il-qorti tar-rinviju, ma jikkostitwixxix sitwazzjoni ipotetika. Din id-deċiżjoni ta' arbitraġġ hija bbażata fuq interpretazzjoni u applikazzjoni tal-Artikolu 45 TFUE[11] mill-Qorti Belġjana ta' Arbitraġġ għall-Isport. Il-qorti tar-rinviju tiddikjara li hija obbligata tistħarreġ il-validità ta' din l-interpretazzjoni u applikazzjoni sabiex tiddetermina jekk id-deċiżjoni hijiex kuntrarja għall-ordni pubbliku jew le. Għalhekk, l-Artikolu 45 TFUE ġie applikat mill-Qorti Belġjana ta' Arbitraġġ għall-Isport b'mod li jqajjem dubji f'moħħ il-qorti tar-rinviju. La l-Qorti Belġjana ta'

[8] Wara kollox, UL u Royal Antwerp huma bbażati fil-Belġju u, f'dan ir-rigward, ma jeżisti ebda element transkonfinali.

[9] Ara s-sentenza tal-15 ta' Novembru 2016 (C-268/15, EU:C:2016:874).

[10] Ara s-sentenza tal-15 ta' Novembru 2016, Ullens de Schooten (C-268/15, EU:C:2016:874, punt 50).

[11] Kif ukoll l-Artikolu 101 TFUE.

Arbitraġġ għall-Isport u lanqas, b'estensjoni, il-qorti tar-rinviju, ma għandhom jevalwaw is-sitwazzjoni speċifika ta' UL. Pjuttost, UL, sussegwentement appoġġjat minn Royal Antwerp, fittex dikjarazzjoni li r-regoli dwar il-PIL stabbiliti mill-UEFA u mill-URBSFA kienu illegali minħabba li jiksru d-dritt tal-Unjoni. Meta tkun qiegħda tikkunsidra jekk tannullax id-deċiżjoni ta' arbitraġġ li tikkonstata l-assenza ta' ksur tad-dritt tal-Unjoni, il-qorti tar-rinviju għandha l-kompitu li teżamina d-dispożizzjonijiet ikkontestati fl-intier tagħhom u b'mod ġenerali.

32. Fl-aħħar nett, fir-rigward tal-allegazzjoni tal-UEFA li hija ma nstemgħetx qabel l-adozzjoni tad-deċiżjoni li jsir rinviju għal deċiżjoni preliminari quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja, huwa biżżejjed li jingħad li, skont il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, ma hijiex il-Qorti tal-Ġustizzja li għandha tiddetermina jekk id-deċiżjoni li biha hija ġiet adita tteħditx konformement mar-regoli nazzjonali ta' organizzazzjoni tal-qrati u ta' proċedura ġudizzjarja [12].

33. Konsegwentement, nipproponi li l-Qorti tal-Ġustizzja tqis li d-domandi magħmula mill-qorti tar-rinviju huma ammissibbli.

## B. Fuq il-mertu

34. Skont l-Artikolu 45 TFUE, il-moviment liberu tal-ħaddiema għandu jiġi żgurat fi ħdan l-Unjoni.

35. L-attivitajiet sportivi li jifformaw parti mill-ħajja ekonomika jaqgħu taħt il-libertajiet fundamentali tat-Trattat [13], li jimplika li l-plejers professjonali tal-futbol li jeżerċitaw attività ekonomika għandhom jiġu kklassifikati bħala "ħaddiema" fis-sens tal-Artikolu 45 TFUE [14].

36. Barra minn hekk, fir-rigward ta' min hu marbut bl-Artikolu 45 TFUE, huwa paċifiku li din id-dispożizzjoni tapplika għal entitajiet privati bħall-UEFA u l-URBSFA li jirregolaw, b'mod kollettiv, l-impjieg [15].

### *1. Id-dispożizzjonijiet ikkontestati*

37. F'dan l-istadju, inqis li huwa utli li nirrepeti malajr id-dispożizzjonijiet ikkontestati.

38. Taħt ir-regolament tal-UEFA, il-PIL huma ddefiniti bħala plejers li, indipendentement min-nazzjonalità tagħhom, ikunu ġew imħarrġa mill-klabb tagħhom jew minn klabb ieħor tal-istess assoċjazzjoni nazzjonali għal mill-inqas tliet snin bejn l-etajiet ta' 15 u 21 sena. Barra minn hekk, taħt ir-regolament tal-UEFA, klabbs irreġistrati għal waħda mill-kompetizzjoni

[12] Ara, bħala eżempju, is-sentenza tal-11 ta' April 2000, Deliège (C-51/96 u C-191/97, EU:C:2000:199, punt 29).

[13] Ara wkoll Forsthoff, U., Eisendle, D., in Grabitz, E., Hilf, M u Nettesheim, M. (edituri), *Das Recht der Europäischen Union*, 76. EL., aġġornat Mejju 2022, C.H. Beck, München, Art. 49 AEUV, punt 104.

[14] Din hija ġurisprudenza stabbilita sa mis-sentenza tal-14 ta' Lulju 1976, Donà (13/76, EU:C:1976:115, punt 13). Ara wkoll is-sentenza tal-15 ta' Diċembru 1995, Bosman (C-415/93, EU:C:1995:463, punt 73). B'mod ġenerali, skont ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja, il-kunċett ta' "ħaddiem" għandu portata awtonoma u ma għandux jiġi interpretat b'mod restrittiv Għalhekk, għandha tiġi kkunsidrata bħala "ħaddiem" kull persuna li teżerċita attivitajiet ġenwini u effettivi, bl-esklużjoni ta' attivitajiet fuq skala tant żgħira li jistgħu jitqiesu purament marġinali u anċillari. Ara s-sentenza tad-19 ta' Lulju 2017, Abercrombie & Fitch Italia (C-143/16, EU:C:2017:566, punt 19 u l-ġurisprudenza ċċitata).

[15] Din ilha ġurisprudenza stabbilita sa mis-sentenza tat-12 ta' Diċembru 1974, Walrave u Koch (36/74, EU:C:1974:140, punt 17). Ara wkoll is-sentenzi tal-15 ta' Diċembru 1995, Bosman (C-415/93, EU:C:1995:463, punt 82); tat-13 ta' April 2000, Lehtonen u Castors Braine (C-176/96, EU:C:2000:201, punt 35); u tas-16 ta' Marzu 2010, Olympique Lyonnais (C-325/08, EU:C:2010:143, punt 30).

tal-UEFA[16] huma obbligati jinkludu minimu ta' 8 plejers imrawma lokalment f'lista tal-iskwadra ta' massimu ta' 25 plejer. Mill-inqas erbgħa minn dawn il-plejers kellhom jiġu mħarrġa mill-klabb inkwistjoni.

39. Skont ir-regoli tal-URBSFA, il-klabbs irreġistrati għal kompetizzjoni li taqa' taħt il-ġurisdizzjoni tal-URBSFA għandhom jinkludu minimu ta' 8 plejers li jkunu lagħbu għall-klabb jew klabb ieħor Belġjan għal mill-inqas tliet staġuni sakemm jagħlqu l-età ta' 23 sena (3 minn dawn it-8 sakemm jagħlqu l-età ta' 21 sena), f'*lista tal-iskwadra* ta' massimu ta' 25 plejer. Barra minn hekk, f'dak li jirrigwarda l-*listi tal-plejers tal-logħba*, il-klabbs għandhom jirrikorru għal plejers li jidhru fuq din il-lista u għandhom jinkludu mill-inqas sitt plejers li kienu affiljati għal mill-inqas tliet staġuni sħaħ qabel l-età ta' 23 sena, li minnhom tnejn qabel jagħlqu l-età ta' 21 sena.

40. Fiż-żewġ każijiet (UEFA u URBSFA), jekk il-limiti minimi ma jintlaħqux, il-plejers ma jkunux jistgħu jiġu ssostitwiti minn plejers oħra li ma jissodisfawx il-kundizzjonijiet rilevanti.

## *2. Restrizzjoni*

41. Sussegwentement, ser neżamina jekk id-dispożizzjonijiet inkwistjoni jikkostitwixxux restrizzjoni għall-Artikolu 45 TFUE.

42. UL u Royal Antwerp kif ukoll il-Kummissjoni[17] huma tal-fehma li d-dispożizzjonijiet ikkontestati ma jaffettwawx biss il-moviment liberu tal-ħaddiema fl-Unjoni, iżda jikkostitwixxu wkoll diskriminazzjoni indiretta bbażata fuq in-nazzjonalità. B'kuntrast ma' dan, l-UEFA u l-URBSFA jsostnu li d-dispożizzjonijiet ikkontestati mhux biss japplikaw mingħajr distinzjoni għall-plejers kollha, irrispettivament min-nazzjonalità tagħhom, iżda lanqas ma jikkostitwixxu ostakolu għall-moviment liberu tal-plejers.

43. Insostni li d-dispożizzjonijiet ikkontestati jistgħu joħolqu diskriminazzjoni indiretta kontra ċittadini ta' Stati Membri oħra. Huwa fatt tal-ħajja li iktar kemm plejer ikun għadu żagħżugħ, iktar huwa probabbli li dan il-plejer jirrisjedi fil-post ta' oriġini tiegħu[18]. Għaldaqstant, huma neċessarjament plejers minn Stati Membri oħra li ser jiġu affettwati negattivament mid-dispożizzjonijiet ikkontestati.

44. Id-dispożizzjonijiet ikkontestati jikkostitwixxu fil-fatt rekwiżit li jista' jiġi ssodisfatt biss minn dawk li kienu preżenti f'post partikolari. F'dan ir-rigward il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet b'mod konsistenti li r-regoli nazzjonali li jgħidu li ssir distinzjoni fuq il-bażi tar-residenza x'aktarx joperaw prinċipalment għad-detriment taċ-ċittadini ta' Stati Membri oħra, peress li l-persuni mhux residenti huma fil-parti l-kbira tal-każijiet barranin[19]. Bl-istess mod, hija ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja li r-rekwiżiti ta' kwalifika meħtieġa għall-ammissjoni għal ċerti okkupazzjonijiet jikkostitwixxu restrizzjoni indirettament diskriminatorja għall-moviment liberu

16 Jiġifieri l-erba' kompetizzjonijiet segwenti: UEFA Champions League, Europa League, Conference League u Super Cup.

17 Li, kif inhu deskritt iktar 'il fuq, madankollu tqis id-domanda bħala inammissibbli minħabba allegat nuqqas ta' element transkonfinali.

18 Li ma jfissirx li ma hemmx plejers li jitilqu minn pajjiżhom ta' età estremament żagħżugħa. Madankollu, din hija biss frazzjoni żgħira ta' plejers u tikkostitwixxi l-eċċezzjoni, li għalhekk tipprova r-regola li iktar kemm plejer ikun għadu żagħżugħ, iktar huwa probabbli li jkun lokali.

19 Ara, bħala eżempju u fir-rigward tal-Artikolu 45 TFUE, is-sentenza tas-7 ta' Mejju 1998, Clean Car Autoservice (C-350/96, EU:C:1998:205, il-punt 29 u l-ġurisprudenza ċċitata). Ara wkoll Zawidzka-Łojek, A., 'Ochrona interesu ogólnego na rynku wewnętrznym - dopuszczalne wyjątki i ograniczenia swobód. Model ochrony', f'System Prawa Unii Europejskiego, Vol. 7, Prawo rynku wewnętrznego, Varsavja, C.H. Beck, 2020, punt 197.

tal-ħaddiema[20]. Ir-regoli dwar il-PIL x'aktarx jillimitaw il-possibbiltajiet għall-plejers li huma ċittadini tal-Unjoni li jitilqu liberament minn klabb fi Stat Membru għal klabb fi Stat Membru ieħor. Minkejja li huma newtrali fir-rigward tal-formulazzjoni tagħhom, id-dispożizzjonijiet ikkontestati jiffavorixxu l-plejers lokali meta mqabbla mal-plejers ta' Stati Membri oħra[21].

45. Fi kwalunkwe każ, anki jekk kellu jitqies li d-dispożizzjonijiet ikkontestati ma humiex indirettament diskriminatorji, *quod non*, dawn ċertament jikkostitwixxu restrizzjoni (sempliċi) għall-moviment liberu tal-plejers tal-futbol. F'dan ir-rigward, infakkar li l-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li regoli li jipprojbixxu lil klabb tal-basketball milli juża plejers minn Stati Membri oħra f'logħob tal-kampjonat nazzjonali, meta t-trasferiment ikun seħħ wara data speċifika, "jikkostitwixxu ostakolu għall-moviment liberu tal-ħaddiema"[22] [traduzzjoni mhux uffiċjali].

46. Inċidentalment għandu jingħad li sabiex tiġi ddeterminata r-restrizzjoni, id-definizzjoni ta' PIL adottata mill-UEFA u mill-URBFSA, li tgħid li l-PIL mhux biss huma plejers li ġejjin minn klabb speċifiku, iżda wkoll mill-kampjonat nazzjonali rilevanti, hija irrilevanti. Fiż-żewġ każijiet, 8 plejers ma jistgħux joħorġu minn klabb fi Stat Membru ieħor, filwaqt li 17 jistgħu. Madankollu, id-distinzjoni bejn plejers tal-klabb u plejers tal-istess kampjonat issir rilevanti għad-determinazzjoni tal-proporzjonalità tad-dispożizzjonijiet ikkontestati.

### *3. Ġustifikazzjoni*

47. Restrizzjoni għall-moviment liberu tal-ħaddiema tista' tiġi ġġustifikata biss, fl-ewwel lok, jekk isservi waħda mir-raġunijiet ta' ġustifikazzjoni elenkati fl-Artikolu 45(3) TFUE[23] jew raġuni imperattiva ta' interess pubbliku[24] u, fit-tieni lok, tosserva l-prinċipju ta' proporzjonalità, b'tali mod li tkun xierqa sabiex tiżgura, b'mod koerenti u sistematiku, it-twettiq tal-għan imfittex u ma tmurx lil hinn minn dak li jkun neċessarju sabiex dan jintlaħaq[25].

### ***a) Fuq l-Artikolu 165 TFUE***

48. Fid-dawl tal-fatt li diversi partijiet fil-proċedura jinvokaw l-Artikolu 165 TFUE tul is-sottomissjonijiet tagħhom u b'mod ġeneruż, jixraq li jsiru ftit kummenti dwar din id-dispożizzjoni f'dan l-istadju tal-analiżi legali.

[20] Ara, bħala eżempju, is-sentenza tal-15 ta' Ottubru 1987, Heylens *et* (222/86, EU:C:1987:442, punti 9 sa 11).

[21] Ara wkoll, f'dan is-sens, Kliesch, J., *Der Status des Profifußballers im Europäischen Recht*, Nomos, Baden-Baden, 2017, p. 215 fir-rigward tar-regoli tal-UEFA.

[22] Ara s-sentenza tat-13 ta' April 2000, Lehtonen u Castors Braine (C-176/96, EU:C:2000:201, punt 49). Il-Qorti tal-Ġustizzja hawn tirreferi espliċitament għas-sentenza tagħha tal-15 ta' Diċembru 1995, Bosman (C-415/93, EU:C:1995:463, punti 99 u 100). Barra minn hekk, fis-sentenza tagħha tas-16 ta' Marzu 2010, Olympique Lyonnais (C-325/08, EU:C:2010:143, punt 35), il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li ftehim kollettiv Franċiż li jipprovdi li "joueur espoir" (plejer ta' bejn is-16 u t-22 sena), meta jtemm il-perijodu ta' taħriġ tiegħu huwa obbligat, suġġett għall-ħlas ta' danni fil-każ li ma jikkonformax ruħu, jikkonkludi kuntratt bħala plejer professjonali mal-klabb li jkun ħarrġu, jista' jiddisswadi lil dan il-plejer milli jeżerċita d-dritt tiegħu għal moviment liberu.

[23] Ordni pubbliku, sigurtà pubblika jew saħħa pubblika.

[24] Il-Qorti tal-Ġustizzja, matul is-snin, użat terminoloġija differenti sabiex tiddeskrivi raġunijiet ta' natura mhux ekonomika bħala motivi ta' ġustifikazzjoni, li ġew (u għadhom qegħdin jiġu) żviluppati mill-ġurisprudenza. Ara Martucci, F., *Droit du marché intérieur de l'Union européenne*, Presses Universitaires de France, Pariġi, 2021, punt 261. Għall-konvenjenza, ser nirreferi għall-frażi "raġuni imperattiva ta' interess pubbliku" f'dawn il-konklużjonijiet.

[25] Ara f'dan is-sens, essenzjalment, is-sentenzi tal-15 ta' Diċembru 1995, Bosman (C-415/93, EU:C:1995:463, punt 104); tas-16 ta' Marzu 2010, Olympique Lyonnais (C-325/08, EU:C:2010:143, punt 38); u tal-10 ta' Ottubru 2019, Krah (C-703/17, EU:C:2019:850, punt 55).

49. L-Artikolu 165 TFUE, li sab ruħu fit-Trattati permezz tat-Trattat ta' Lisbona[26], jittratta tliet kwistjonijiet distinti, li madankollu huma marbuta flimkien: l-edukazzjoni, iż-żgħażagħ u l-isport. Huwa strutturat f'erba' paragrafi. Il-paragrafu 1 jispjega l-għan u l-ħsieb ġenerali tad-dispożizzjoni, jiġifieri li l-Unjoni għandha tikkontribwixxi għall-promozzjoni ta' kwistjonijiet Ewropej tal-isport, filwaqt li tieħu inkunsiderazzjoni n-natura speċifika tal-isport, tal-istrutturi tiegħu bbażati fuq il-volontarjat kif ukoll il-funzjoni soċjali u edukattiva tiegħu. Il-paragrafu 2 sussegwentement jispeċifika lejn xiex preċiżament hija mmirata l-azzjoni tal-Unjoni – li magħha huwa impossibbli li wieħed ma jaqbilx[27]: l-iżvilupp tad-dimensjoni Ewropea tal-isport, billi tiġi promossa l-ekwità u l-inklużività fil-kompetizzjonijiet sportivi u l-kooperazzjoni bejn il-korpi responsabbli għall-isport, kif ukoll billi tiġi protetta l-integrità fiżika u morali tal-isportivi, b'mod partikolari tal-iżgħar fosthom. Il-paragrafu 3 jenfasizza l-importanza li tiġi promossa l-kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi u ma' organizzazzjonijiet internazzjonali, b'mod partikolari mal-Kunsill tal-Ewropa[28]. Fl-aħħar nett u b'mod kruċjali, il-paragrafu 4 jippermetti lill-istituzzjonijiet politiċi tal-Unjoni[29], "li jaġixxu skond il-proċedura leġislattiva ordinarja", li "jadottaw inċentivi li ma jinkludux l-armonizzazzjoni"[30], u lill-Kunsill sabiex (waħdu), fuq proposta tal-Kummissjoni, jadotta rakkomandazzjonijiet.

*1) Interpretazzjoni letterali*

50. Dan li ġej huwa diġà direttament apparenti mill-formulazzjoni tal-Artikolu 165 TFUE.

51. L-ewwel, din id-dispożizzjoni hija indirizzata lill-Unjoni u mhux lill-Istati Membri jew lil entitajiet pubbliċi oħra, u wisq inqas entitajiet privati. It-tieni, il-formulazzjoni li tintuża ("tikkontribwixxi", "tinkoraġġixxi", "tieħu inkunsiderazzjoni", "l-iżvilupp", "koperazzjoni") hija dik li ġeneralment tinsab fid-dritt mhux vinkolanti. It-tielet, l-Artikolu 165 TFUE jkopri kemm l-isports professjonali kif ukoll l-isports għar-rikreazzjoni, kemm jekk jiġu pprattikati fi klabbs jew individwalment[31]. Ir-raba', anki jekk id-dispożizzjoni tirreferi għall-proċedura leġiżlattiva ordinarja, l-Artikolu 165(4) TFUE *ma huwiex* bażi legali li jippermetti lill-istituzzjonijiet politiċi jadottaw atti legalment vinkolanti fis-sens tal-Artikolu 288 TFUE[32]. Għalhekk, l-Artikolu 165(4) TFUE ma huwa xejn ħlief "bażi legali falza" u tipika għal suġġett inkluż fil-qasam tal-politika tal-Unjoni mingħajr ma l-Istati Membri, fil-kapaċità tagħhom ta' awturi tat-Trattati, ikunu lesti li jagħtu lill-Unjoni kwalunkwe setgħat leġiżlattivi relatati. Inċidentalment, dan l-aspett huwa, diġà rifless fl-Artikolu 2(5) u l-Artikolu 6(e) TFUE: fil-qasam tal-isport, il-"kompetenza" tal-Unjoni ma hijiex waħda leġiżlattiva iżda hija waħda limitata "li tieħu azzjonijiet sabiex tappoġġa, tikkoordina jew tissupplimenta l-azzjoni ta' l-Istati Membri"[33].

26 Dwar l-oriġini ta' din id-dispożizzjoni, ara l-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Rantos f'European Superleague Company (C-333/21, EU:C:2022:993, punt 29).

27 Mis-seba' għanijiet ta' dan il-paragrafu, sitta jikkonċernaw l-edukazzjoni filwaqt li wieħed biss jikkonċerna l-isport.

28 Sa fejn isir riferiment għall-Kunsill tal-Ewropa, din id-dispożizzjoni tikkostitwixxi emanazzjoni speċifika tal-obbligu ġenerali li għandha l-Unjoni taħt l-Artikolu 220(1) TFUE li tistabbilixxi kull forma ta' kooperazzjoni xierqa mal-Kunsill tal-Ewropa. Ara wkoll il-konklużjonijiet tiegħi f'The English Bridge Union (C-90/16, EU:C:2017:464, punt 33).

29 Għall-finijiet ta' dawn il-konklużjonijiet, l-istituzzjonijiet politiċi tal-Unjoni għandhom jinftiehmu li jinkludu l-Kummissjoni, il-Kunsill u l-Parlament.

30 Ċertament, jeħtieġ ċertu żmien sabiex wieħed jifhem il-parti ta' din id-dispożizzjoni li, b'mod Orwelljan, tippermetti lill-istituzzjonijiet politiċi jirrikorru għall-proċedura leġiżlattiva ordinarja sabiex jadottaw...kwalunkwe ħaġa minbarra leġiżlazzjoni.

31 Ara wkoll, f'dan is-sens, Odendahl, K., f'Pechstein, M., Nowak, C., Häde, U, (edituri), *Frankfurter Kommentar zu EUV, GRC und AEUV*, Band III, Mohr Siebeck, Tübingen, 2017, Art. 165 AEUV, punt 9.

32 Jiġifieri: regolament, direttivi u deċiżjonijiet.

33 Ara l-Artikolu 2(5) u l-Artikolu 6(e) TFUE. L-Artikolu 2(5) jippreċiża sussegwentement li dawn l-azzjonijiet ma jissostitwixxux il-kompetenza tal-Istati Membri f'dawn l-oqsma.

*2) Interpretazzjoni sistemika u teleoloġika*

52. Fir-rigward tal-Artikolu 165 TFUE fi ħdan l-istruttura tat-Trattat FUE, għandu jiġi nnotat li, peress li jinsab fit-Titolu XII tat-Tielet Parti tat-Trattat FUE[34], l-Artikolu 165 TFUE jinsab fost l-oqsma l-oħra kollha tal-politika tal-Unjoni.

53. Minn dan jistgħu jiġu dedotti l-elementi li ġejjin.

54. L-ewwel, l-Artikolu 165 TFUE ma huwiex dispożizzjoni ta' portata ġenerali fis-sens tat-Titolu II tal-Ewwel Parti tat-Trattat FUE[35]. It-tieni, l-UEFA u l-URBSFA bħala entitajiet privati, sa fejn jirregolaw b'mod kollettiv l-impjieg bi ħlas, la jsegwu u lanqas jimplimentaw politika tal-Unjoni. Tali attività tappartjeni lil-leġiżlatur tal-Unjoni (u lil dawk li jittrasponu, japplikaw u jimplimentaw id-dritt sekondarju). Minflok, l-UEFA u l-URBSFA jippruvaw jinvokaw għan ta' ordni pubbliku sabiex jiġġustifikaw restrizzjoni ta' libertà fundamentali. Fir-rigward tal-kawża inkwistjoni, dawn huma funzjonalment paragunabbli mhux ma' istituzzjoni tal-Unjoni li taġixxi[36] fuq il-bażi tal-Artikolu 165 TFUE, iżda ma' Stat Membru li jkun qiegħed jipprova jiġġustifika restrizzjoni għal libertà fundamentali. Fi kliem ieħor, il-każ inkwistjoni huwa wieħed ta' integrazzjoni *negattiva* fejn entità għandha l-intenzjoni li tirrestrinġi libertà fundamentali sabiex tippromwovi politika oħra li tqis li hija ta' importanza superjuri. Din il-politika l-oħra tinzerta taqa' fil-qasam tal-isport. It-tielet, la l-UEFA u lanqas l-URBSFA ma huma dawk li għandhom jimplimentaw azzjoni tal-Unjoni skont l-Artikolu 165 TFUE. Dawn huma korpi privati li jeżerċitaw funzjonijiet ekonomiċi, minbarra funzjonijiet regolatorji. Ir-raba', l-istituzzjonijiet politiċi tal-Unjoni huma evidentement liberi li jipproklamaw[37] – fl-għerf tagħhom – Mudell Sportiv Ewropew fuq il-bażi tal-Artikolu 165 TFUE jew xi mkien ieħor. Dan ma jfissirx, madankollu, li l-funzjonijiet li għandhom l-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea jiġu esternalizzati b'mod jew ieħor lill-UEFA jew lill-URBSFA. Il-ħames, l-UEFA u l-URBSFA ma jistgħux jiksbu libertà sħiħa għall-finijiet ta' restrizzjonijiet għal-libertà fundamentali tal-Artikolu 45 TFUE billi jsir riferiment għall-Artikolu 165 TFUE. Ir-restrizzjonijiet imposti fuq din il-libertà fundamentali minn entitajiet bħall-UEFA u l-URBSFA għandhom jiġu evalwati bħar-restrizzjonijiet l-oħra kollha, skont prinċipji standard.

*3) Effett fuq il-kawża ineżami*

55. Dak kollu li ntqal iktar 'il fuq ma jfissirx li l-valur legali tal-Artikolu 165 TFUE huwa tant limitat[38] li huwa assolutament ma għandu ebda effett fuq il-kawża inkwistjoni. Fil-fatt, din id-dispożizzjoni hija ta' għajnuna minn żewġ aspetti: l-ewwel, l-identifikazzjoni ta' raġuni ta' ġustifikazzjoni għal restrizzjoni tal-Artikolu 45 TFUE, imsejħa raġuni imperattiva ta' interess

34 Jiġifieri, jinsab imrekken bejn il-Fond Soċjali Ewropew u l-Kultura.

35 Dan il-privileġġ huwa rriżervat għal kwistjonijiet li huma evidentement meqjusa bħala iktar importanti mill-awturi tat-Trattati, bħal – sabiex jiġu ċċitati biss xi eżempji – in-nondiskriminazzjoni (Artikoli 8 u 10 TFUE), l-ambjent (Artikolu 11 TFUE), il-protezzjoni tal-konsumaturi (Artikolu 12 TFUE) jew il-protezzjoni tad-data (Artikolu 16 TFUE).

36 Nuża t-terminu "att" bil-galbu minħabba nuqqas ta' terminu aħjar, peress li, kif ġie stabbilit iktar 'il fuq, l-Artikolu 165 TFUE ma jippermettix lill-istituzzjonijiet tal-Unjoni jilleġiżlaw fis-sens proprju tal-kelma.

37 Nixtieq ninnota inċidentalment li l-istituzzjonijiet politiċi ovvjament għażlu li ma jarmonizzawx jew jirregolaw il-kwistjonijiet sportivi marbuta mas-suq intern billi jirrikorru għall-Artikolu 114 TFUE.

38 Barra minn hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-Artikolu 165 TFUE, interpretat flimkien mar-regoli tat-Trattat dwar iċ-ċittadinanza, l-Artikolu 18 u l-Artikolu 21 TFUE, kienu jipprekludu ċerti regoli ta' assoċjazzjoni sportiva nazzjonali li tirrestrinġi l-moviment liberu. Ara s-sentenza tat-13 ta' Ġunju 2019, TopFit *et* (C-22/18, EU:C:2019:497).

pubbliku, u, it-tieni, bħala indikazzjoni ta' dak li huwa aċċettabbli fl-Unjoni kollha fir-rigward tat-twettiq tat-test ta' proporzjonalità [39]. Barra minn hekk, dan huwa eżattament dak li għamlet il-Qorti tal-Ġustizzja fil-passat [40].

### b) *Identifikazzjoni ta' raġuni imperattiva ta' interess pubbliku*

56. L-UEFA u l-URBSFA essenzjalment iressqu żewġ raġunijiet imperattivi ta' interess pubbliku: l-inkoraġġiment tat-taħriġ u r-reklutaġġ ta' plejers żgħażagħ u t-titjib tal-bilanċ kompetittiv bejn timijiet f'kompetizzjonijiet tal-klabbs tal-UEFA u kompetizzjonijiet nazzjonali. Raġuni imperattiva oħra marbuta mal-interessi pubbliċi msemmija hija l-protezzjoni tal-plejers żgħażagħ, sa fejn l-ambjent soċjali u familjari tagħhom għandu jiġi ppreżervat u għandu jiġi evitat li l-edukazzjoni normali tagħhom tiġi sfrattata.

57. F'dan ir-rigward, għandu jiġi nnotat li l-Qorti tal-Ġustizzja tidher li tassumi li meta entitajiet bħall-UEFA u l-URBSFA li huma marbuta bl-Artikolu 45 TFUE, ikollhom l-intenzjoni li jinvokaw motivi li jiġġustifikaw restrizzjoni, in-natura pubblika jew privata tad-dispożizzjonijiet ikkontestati ma għandha ebda inċidenza fuq il-portata jew fuq il-kontenut tal-imsemmija ġustifikazzjonijiet [41].

58. Nista' naqbel ma' din id-dikjarazzjoni u nifhem l-interess ġenerali li tinżamm sistema uniformi li tikkonċerna l-Artikolu 45 TFUE, irrispettivament minn jekk ir-restrizzjonijiet ikunux ġejjin minn korpi pubbliċi jew privati. Madankollu, għandu jitqies li – kuntrarjament għal Stat Membru bħala entità pubblika – entitajiet privati bħall-UEFA jew l-URBSFA, konformement mal-għanijiet rispettivi tagħhom, isegwu għanijiet ta' natura ekonomika [42]. Xi drabi, dawn l-għanijiet jistgħu jkunu f'kunflitt ma' għanijiet pubbliċi. Barra minn hekk, l-UEFA u l-URBSFA jeżerċitaw kemm funzjonijiet regolatorji kif ukoll ekonomiċi. Peress li dawn il-funzjonijiet ma humiex separati jistgħu jinqalgħu kunflitti ta' interess. Fi kliem ieħor, l-UEFA u l-URBSFA ikunu qed jaġixxu b'mod irrazzjonali jekk jippruvaw jissodisfaw għanijiet pubbliċi li jmorru direttament kontra l-interessi kummerċjali tagħhom.

59. Meta l-Istati Membri jippruvaw jiġġustifikaw restrizzjonijiet għal libertà fundamentali, teżisti preżunzjoni li huma jkollhom l-intenzjoni li jfittxu interess pubbliku differenti minn dak tas-suq intern. Dan ma huwiex il-każ għal entità privata u għandu jittieħed inkunsiderazzjoni fl-analiżi segwenti. Hija għal din ir-raġuni li nippreferi t-termini użati mill-Qorti tal-Ġustizzja fis-sentenza tagħha f'Angonese, fejn hija titkellem dwar "għan leġittimament imfittex" [traduzzjoni mhux

[39] F'dan ir-rigward, nista' naqbel bis-sħiħ mal-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Rantos f'European Superleague Company (C-333/21, EU:C:2022:993, punt 42), li fihom huwa indika li "filwaqt li l-karatteristiċi partikolari tal-isport ma jistgħux jiġu invokati sabiex jeskludu l-attivitajiet sportivi mill-kamp ta' applikazzjoni tat-Trattati UE u FUE, ir-riferimenti għall-karatteristiċi speċifiċi u għall-funzjoni soċjali u edukattiva tal-isport, li jinsabu fl-Artikolu 165 TFUE, jistgħu jkunu rilevanti għall-finijiet, b'mod partikolari, tal-analiżi, fil-qasam sportiv, tal-eventwali ġustifikazzjoni oġġettiva għar-restrizzjonijiet tal-kompetizzjoni jew tal-libertajiet fundamentali".

[40] Ara s-sentenza tas-16 ta' Marzu 2010, Olympique Lyonnais (C-325/08, EU:C:2010:143, punt 39). Ara wkoll, fil-kuntest tal-libertà ta' stabbiliment taħt l-Artikolu 49 TFUE, is-sentenza tas-7 ta' Settembru 2022, Cilevičs *et* (C-391/20, EU:C:2022:638, punt 59), li fiha l-Qorti tal-Ġustizzja sempliċement tirreferi mingħajr ma tidħol fid-dettall għall-Artikolu 165 TFUE qabel ma tħares lejn in-natura restrittiva ta' miżura nazzjonali – li taqa' manifestament taħt il-qasam kopert mill-Artikolu 165 TFUE.

[41] Ara s-sentenza tal-15 ta' Diċembru 1995, Bosman (C-415/93, EU:C:1995:463, punt 86).

[42] Ara wkoll Weatherill, S., *European Sports Law*, T.M.C. Asser, Den Haag, 2007, p. 60, li jinnota li għalkemm teżisti "ordni loġiku" fl-approċċ tal-Qorti tal-Ġustizzja, "ma huwiex ċar kif il-kunċetti li jinsabu fl-[Artikolu 45(3) TFUE] jistgħu jiġu rriformati b'mod adegwat sabiex jissodisfaw is-settur privat" u li jindika r-riskju li jekk individwi jitħallew jinvokaw motivi ta' ġustifikazzjoni pubbliċi "jista' jwassal għal estensjoni eċċessiva tagħhom" [traduzzjoni libera].

uffiċjali][43], mingħajr ma tippreċiża li tali għan għandu neċessarjament ikun ta' interess *pubbliku*. Huwa anki għalhekk li huwa ulterjorment importanti li jiġi eżaminat l-element ta' interess *pubbliku* fir-raġunijiet imperattivi invokati mill-UEFA u mill-URBSFA.

60. Fir-rigward tal-isport professjonali, il-Qorti tal-Ġustizzja diġà kellha l-okkażjoni tiddeċiedi li, fid-dawl tal-importanza soċjali kunsiderevoli tal-attività sportiva u, b'mod iktar partikolari, tal-futbol, fl-Unjoni, l-għan li jiġu inkoraġġuti r-reklutaġġ u t-taħriġ ta' plejers żgħażagħ għandu jiġi rrikonoxxut bħala leġittimu[44]. L-istess jgħodd għall-għan li jinżamm bilanċ bejn il-klabbs billi jiġi ppreżervat ċertu livell ta' ugwaljanza u ta' inċertezza fir-rigward tar-riżultati[45].

### *c) Proporzjonalità*

61. Sussegwentement, id-dispożizzjonijiet ikkontestati għandhom josservaw il-prinċipju ta' proporzjonalità, fis-sens li għandhom ikunu xierqa sabiex jiżguraw, b'mod konsistenti u sistematiku, it-twettiq tal-għanijiet imfittxija u ma għandhomx imorru lil hinn minn dak li jkun neċessarju sabiex dawn jintlaħqu. Hija l-qorti tar-rinviju li għandha tevalwa l-proporzjonalità tad-dispożizzjonijiet ikkontestati. F'dan ir-rigward, l-oneru tal-prova tal-proporzjonalità tar-regoli dwar il-PIL jaqa' fuq l-UEFA u l-URBSFA.

62. Fuq il-bażi tal-informazzjoni pprovduta lill-Qorti tal-Ġustizzja u tas-sottomissjonijiet tad-diversi partijiet, inqis li l-Qorti tal-Ġustizzja hija suffiċjentement informata sabiex tiggwida lill-qorti tar-rinviju rigward l-eżami ta' proporzjonalità.

63. Ser jintwera li ċerti restrizzjonijiet huma ġġustifikati.

64. Fuq nota ġenerali, kif indikat fid-duttrina ġuridika; "Ir-regoli sportivi għandhom effett ekonomiku. Iżda mingħajr ċerti regoli fundamentali, ma jkunx hemm sport"[46]. Is-swieq speċifiċi tal-isport kompetittiv jistrieħu fuq l-eżistenza ta' kompetituri. L-assenza ta' restrizzjonijiet tista' potenzjalment twassal għal sitwazzjoni fejn klabb wieħed, li kapaċi jixtri l-plejers kollha, ikun f'qagħda fejn, *de facto*, ma jkunux jistgħu jirbħulu klabbs oħra. Tkun ħasra jekk, pereżempju, Wisła Kraków tkun f'pożizzjoni li tiddomina l-kampjonat Pollakk kollu. Il-"logħba sabiħa" titlef parti mill-attrazzjoni tagħha.

#### *1) Adegwatezza*

65. Id-dispożizzjonijiet ikkontestati għandhom ikunu xierqa biex jissodisfaw l-allegati raġunijiet imperattivi ta' interess pubbliku, jiġifieri li r-regoli tal-PIL għandhom ikunu xierqa għall-inkoraġġiment tat-taħriġ u r-reklutaġġ ta' plejers żgħażagħ u għat-titjib tal-bilanċ kompetittiv bejn it-timijiet tal-kompetizzjonijiet tal-klabbs tal-UEFA u l-kompetizzjonijiet nazzjonali.

[43] Ara s-sentenza tas-6 ta' Ġunju 2000, (C-281/98, EU:C:2000:296, punt 42). Ara wkoll, f'dan is-sens, Müller-Graff, P.-Chr., "Die horizontale Direktwirkung der Grundfreiheiten", *Europarecht*, 2014, p. 3 sa 29, f'p. 12.

[44] Ara s-sentenzi tal-15 ta' Diċembru 1995, Bosman (C-415/93, EU:C:1995:463, punt 106), u tas-16 ta' Marzu 2010, Olympique Lyonnais (C-325/08, EU:C:2010:143, punt 39).

[45] Ara s-sentenza tal-15 ta' Diċembru 1995, Bosman (C-415/93, EU:C:1995:463, punt 106). Il-Qorti tal-Ġustizzja rrikonoxxiet ukoll ir-regolarità tal-kompetizzjonijiet sportivi bħala għan validu; ara s-sentenzi tal-11 ta' April 2000, Deliège (C-51/96 u C-191/97, EU:C:2000:199, punt 64), u tat-13 ta' April 2000, Lehtonen u Castors Braine (C-176/96, EU:C:2000:201, punt 53). Il-kawża ineżami, madankollu, ma tirrigwardax tali regolarità ta' kompetizzjoni iżda pjuttost kundizzjonijiet li għandu jissodisfa klabb sabiex jipparteċipa f'kompetizzjoni.

[46] Ara Weatherill, S., *op. cit.*, p. 336.

*i) Taħriġ u reklutaġġ ta' plejers żgħażagħ*

66. Id-dispożizzjonijiet ikkontestati huma, mid-definizzjoni tagħhom, xierqa sabiex jintlaħaq l-għan ta' taħriġ u ta' reklutaġġ ta' plejers żgħażagħ, fatt li barra minn hekk huwa rrikonoxxut ukoll minn Royal Antwerp[47].

67. Madankollu, għandi ċerti dubji dwar il-koerenza ġenerali tad-dispożizzjonijiet ikkontestati, f'dak li jirrigwarda d-definizzjoni ta' PIL. Jekk, bħalma huwa l-każ kemm fir-regoli tal-UEFA kif ukoll tal-URBSFA, PIL ma huwiex biss plejer imħarreġ mill-klabb innifsu, iżda wkoll plejer imħarreġ minn klabb ieħor tal-kampjonat nazzjonali, nistaqsi jekk id-dispożizzjonijiet ikkontestati humiex fir-realtà ta' natura li jiffavorixxu l-kisba tal-għan ta' taħriġ tal-plejers żgħażagħ mill-klabbs. F'dan ir-rigward, ninnota li, skont ir-regoli tal-UEFA, mill-inqas nofs (jiġifieri erbgħa) tal-PIL kellhom ikunu ġew imħarrġa mill-klabb inkwistjoni. Dan jimmitiga l-affarijiet iżda ma jindirizzax il-problema fl-għerq tagħha – li hija d-definizzjoni stess ta' x'jikkostitwixxi PIL.

68. Dawn id-dubji ovvjament jiżdiedu jekk il-kampjonat nazzjonali inkwistjoni jkun wieħed ewlieni, li hija r-raġuni, fil-fehma tiegħi, għalfejn ir-regoli tal-UEFA jidhirli li jqajmu iktar mistoqsijiet minn dawk tal-URBSFA, li huwa, meta tqabbel, wieħed mill-kampjonati iżgħar. Jekk klabb ta' kampjonat nazzjonali ewlieni jista' "jixtri" sa nofs il-PIL, l-għan li dan il-klabb jiġi inkoraġġut iħarreġ lil plejers żgħażagħ jiġi mxekkel.

69. Konsegwentement, għalkemm jidhirli li r-rekwiżit għall-inklużjoni, fuq lista tal-iskwadra, ta' numru definit minn qabel ta' PIL, huwa ġġustifikat, ma narax ir-raġuni – minn perspettiva ta' taħriġ – li tiġi estiża d-definizzjoni ta' PIL għal plejers esterni għal klabb partikolari, iżda fi ħdan il-kampjonat nazzjonali rilevanti[48].

*ii) Titjib tal-bilanċ kompetittiv tat-timijiet*

70. L-istess kunsiderazzjonijiet japplikaw għall-għan tat-titjib tal-bilanċ kompetittiv tat-timijiet. Jekk il-klabbs kollha jiġu obbligati, permezz tad-dispożizzjonijiet ikkontestati, li jħarrġu, mela l-bilanċ kompetittiv ġenerali tat-timijiet x'aktarx jiżdied. Għal darba oħra, dan l-għan jiġi mxekkel sa fejn il-klabbs ikunu jistgħu jirrikorru għal PIL minn klabbs oħra tal-istess kampjonat.

*iii) Konklużjoni*

71. Bħala konklużjoni, id-dispożizzjonijiet ikkontestati ma humiex koerenti u għalhekk ma humiex xierqa sabiex jintlaħaq l-għan ta' taħriġ tal-plejers żgħażagħ u ta' titjib tal-bilanċ kompetittiv tat-timijiet sa fejn il-PIL li għandhom jidhru fuq lista tal-iskwadra jistgħu jinkludu plejers li ma joriġinawx mill-klabb inkwistjoni.

72. Dan ifisser li d-dispożizzjonijiet tal-URBSFA ma humiex xierqa fl-intier tagħhom, filwaqt li dawk tal-UEFA huma biss parzjalment xierqa.

[47] Ara l-punt 38 tal-osservazzjonijiet ta' Royal Antwerp.

[48] Sa fejn huwa meqjus li l-klabbs għandhom ikollhom marġni ta' manuvra meħtieġ sabiex jirrikorru mhux biss għall-plejers tagħhom stess, iżda wkoll għal dawk tal-istess kampjonat, insostni li tali marġni ta' manuvra jiġi żgurat aħjar billi jitnaqqas in-numru ta' PIL u, fl-istess ħin, billi d-definizzjoni tiġi ġenwinament limitata għall-plejers imrawma lokalment (jiġifieri fil-klabb).

*2) Neċessità*

73. Sussegwentement, id-dispożizzjonijiet ikkontestati ma għandhomx imorru lil hinn minn dak li huwa neċessarju sabiex jintlaħaq l-għan ta' taħriġ u ta' reklutaġġ ta' plejers żgħażagħ.

*i) Fuq id-diskrezzjoni tal-UEFA u tal-URBSFA*

74. L-UEFA, b'mod partikolari, issostni li teżisti ġurisprudenza stabbilita, li tgħid li r-"regolaturi professjonali" jgawdu minn "marġni ta' diskrezzjoni kunsiderevoli" fl-għażla ta' soluzzjoni speċifika għal problema partikolari.

75. F'dan ir-rigward, ninnota li jsir riferiment biss għal sentenza waħda (seminali) tal-Qorti tal-Ġustizzja[49] li fiha l-qorti nazzjonali kellha tevalwa l-miżuri meħuda mill-Kamra tal-Avukati tal-Olanda[50]. Jidhirli li huwa diffiċli li mill-partikolaritajiet ta' din il-kawża jiġi dedott prinċipju ġenerali, li jgħid li entitajiet privati marbuta bl-Artikolu 45 TFUE għandhom marġni ta' diskrezzjoni ikbar minn dak tal-Istati Membri f'sitwazzjonijiet paragunabbli.

76. Insostni pjuttost li l-ġurisprudenza stabbilita tapplika fir-rigward tal-evalwazzjoni ġenerali ta' dawk li għandhom l-intenzjoni li jiġġustifikaw restrizzjonijiet għall-Artikolu 45 TFUE. F'dan ir-rigward, għandu jiġi nnotat li, tabilħaqq, dawk marbuta bl-Artikolu 45 TFUE għandhom ċertu marġni ta' manuvra fl-evalwazzjoni ta' jekk l-investigazzjoni ta' ċertu tħassib hijiex neċessarja u b'liema mezzi din għandha ssir. F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja taċċetta livelli ta' diskrezzjoni usa' u iktar ristretti, ibbażati mhux fuq l-awtur (Stat Membru jew "regolatur professjonali"), iżda fuq is-suġġett tal-għan imfittex permezz tal-motiv ta' ġustifikazzjoni. Il-Qorti tal-Ġustizzja għalhekk ħalliet setgħa diskrezzjonali pjuttost wiesgħa fi "kwistjonijiet sensittiv[i]" bħall-kollokament ta' ħaddiema[51] jew kwistjonijiet ta' "natura partikolari" bħalma huma l-lotteriji[52]. Barra minn hekk, is-sitwazzjoni klassika li fiha l-Qorti tal-Ġustizzja tħalli ċertu marġni ta' manuvra tinsab fil-qasam tas-saħħa pubblika[53]. Huwa ġust li jingħad li l-marġni ta' diskrezzjoni jiżdied sa fejn is-suġġett imfittex imur lil hinn mill-politika ekonomika klassika[54].

77. Madankollu dan ma huwiex il-każ hawnhekk. It-taħriġ u r-reklutaġġ ta' plejers żgħażagħ għandhom komponent ekonomiku qawwi – bħalma għandu l-għan li jitjieb il-bilanċ kompetittiv tat-timijiet. Kif enfasizzat Royal Antwerp fl-osservazzjonijiet tagħha, il-plejers, inklużi dawk żgħażagħ, għandhom valur tas-suq li, minn kull aspett jaġixxi bħala lieva finanzjarja kemm għalihom kif ukoll għall-klabbs fil-każ tal-possibbiltà ta' trasferimenti.

78. Konsegwentement, ma nara ebda raġuni għalfejn wieħed għandu jitbiegħed minn ġurisprudenza stabbilita u sabiex jingħata lill-UEFA u lill-URBSFA marġni ta' diskrezzjoni usa' minn dak li huwa normali għal Stat Membru biex jiġġustifika restrizzjoni għall-Artikolu 45 TFUE.

49 Ara l-punti 50 u 80 tal-osservazzjonijiet bil-miktub tal-UEFA, fejn isir riferiment għas-sentenza tad-19 ta' Frar 2002, Wouters *et* (C-309/99, EU:C:2002:98, punt 110).

50 Bl-istess mod, fis-sentenza tat-28 ta' Frar 2013, Ordem dos Técnicos Oficiais de Contas (C-1/12, EU:C:2013:127, punt 96), il-Qorti tal-Ġustizzja, b'riferiment għas-sentenza tagħha tad-19 ta' Frar 2002, Wouters *et* (C-309/99, EU:C:2002:98) eżaminat jekk il-miżuri restrittivi ta' ordni tal-accountants jistgħux "raġonevolment" jitqiesu bħala neċessarji sabiex tiġi żgurata l-kwalità tas-servizzi.

51 Ara s-sentenza tas-17 ta' Diċembru 1981, Webb (279/80, EU:C:1981:314, punt 18) fir-rigward tal-libertà li jiġu pprovduti servizzi.

52 Ara s-sentenza tal-24 ta' Marzu 1994, Schindler (C-275/92, EU:C:1994:119, punt 59 *et seq.*) fir-rigward tal-libertà li jiġu pprovduti servizzi.

53 Ara, bħala eżempju, is-sentenza tas-16 ta' Diċembru 2010, Josemans (C-137/09, EU:C:2010:774, punt 63 *et seq.*) fir-rigward tal-moviment liberu tal-merkanzija u tal-libertà li jiġu pprovduti servizzi.

54 Ara wkoll, f'dan is-sens, Forsthoff, U., Eisendle, D., *op. cit.*, punt 397.

*ii) Miżuri inqas restrittivi*

79. Il-miżuri alternattivi invokati, b'mod partikolari minn UL u Royal Antwerp, huma kumpens dirett għat-taħriġ ta' plejers żgħażagħ jew ridistribuzzjoni tad-dħul.

80. Kif enfasizzat ukoll il-Kummissjoni, ma huwiex paċifiku li tali miżuri jkunu inqas restrittivi u jikkostitwixxu ostakolu inqas għall-moviment liberu taħt l-Artikolu 45 TFUE. Fil-fatt, skont il-kunċett speċifiku tagħhom, uħud minn dawn il-miżuri, bħal limitu massimu fil-pagi, jidhru li huma saħansitra iktar restrittivi fir-rigward tal-kapaċità tal-klabbs li jirreklutaw lil plejers, filwaqt li l-iskemi ta' kumpens għall-investimenti marbuta mat-taħriġ jaffettwaw direttament l-opportunitajiet indaqs u jeħtieġu miżuri amministrattivi, spejjeż u monitoraġġ sostanzjali.

81. Barra minn hekk, ma hemm ebda indikazzjoni li tali miżuri jkunu *ugwalment effettivi* sabiex jintlaħaq l-istess għan, jiġifieri t-taħriġ tal-plejers iż-żgħażagħ. B'mod partikolari, il-klabbs finanzjarjament b'saħħithom jistgħu "jiskansaw" il-ħtieġa li ma jħarrġux plejers żgħażagħ u jixtruhom mingħand klabbs oħra, li jxekkel kemm l-għan imfittex ta' taħriġ ta' plejers żgħażagħ kif ukoll l-għan globali ta' titjib tal-bilanċ kompetittiv bejn it-timijiet[55].

*iii) Konklużjoni*

82. Bħala konklużjoni, id-dispożizzjonijiet ikkontestati, sa fejn huma adegwati, jidhru li huma neċessarji sabiex jintlaħqu l-għanijiet li plejers żgħażagħ jiġu mħarrġa u li jiġi mtejjeb il-bilanċ kompetittiv tat-timijiet.

## IV. Konklużjoni

83. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, nipproponi li l-Qorti tal-Ġustizzja tirrispondi għad-domandi preliminari magħmula mit-Tribunal de première instance francophone de Bruxelles (il-Qorti tal-Ewwel Istanza ta' Brussell bil-lingwa Franċiża, il-Belġju) kif ġej:

L-Artikolu 45 TFUE għandu jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi l-applikazzjoni ta' regoli dwar il-plejers imrawma lokalment, kif adottati mill-Unjoni tal-Assoċjazzjonijiet Ewropej tal-Futbol (UEFA) u l-Union royale belge des sociétés de football association (URBSFA), li permezz tagħhom, sabiex jipparteċipaw fil-kompetizzjonijiet rilevanti, il-klabbs għandhom l-obbligu li jinkludu, fuq lista tal-iskwadra, numru minimu ta' 8 plejers imrawma lokalment minn numru massimu ta' 25 plejer sa fejn tali plejers imrawma lokalment ikunu jistgħu joriġinaw minn klabb ieħor fl-assoċjazzjoni nazzjonali tal-futbol rilevanti.

[55] Ara wkoll, f'dan is-sens, Kliesch, J., *Der Status des Profifußballers im Europäischen Recht*, Nomos, Baden-Baden, 2017, p. 232.